A.L. 3 ta' l-1987

ORDINANZA DWAR IL-KORRIMENTI (LIĠI TA' EMERĠENZA) (KAP. 176)

Regolamenti ta' l-1987 li jemendaw l-Iskim ta' l-1941 dwar il-Korrimenti fil-Persuna li jiġru lil Pajżani

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar il-Korrimenti (Liġi ta' Emerġenza), Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana, għamel ir-regolamenti li ġejjin: —

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1987 li jemendaw l-Iskim ta' l-1941 dwar il-Korrimenti fil-Persuna li jiġru lil Pajżani, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Iskim ta' l-1941 dwar il-Korrimenti fil-Persuna li jiġru lil Pajżani, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Iskim".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1987.

Jemenda l-artikolu 12 ta' l-Iskim.

2. Fil-paragrafu (2) ta' l-artikolu 12 ta' l-Iskim, minflok il-kliem "tmien liri seba' u tletin ċenteżmu u seba' milleżmi" għandhom jidħlu l-kliem "erbatax-il lira Maltija u ħamsin ċenteżmu".

Jemenda l-artikolu 14 ta' l-Iskim.

3. L-artikolu 14 ta' l-Iskim għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-sub-paragrafu (a) tal-paragrafu (2) tiegħu, minflok il-kliem "disa' liri, ħamsa u għoxrin ċenteżmu u milleżmu" għandhom jidħlu l-kliem "erbatax-il lira Maltija u ħamsin ċenteżmu";

(b) fis-sub-paragrafu (b) tal-paragrafu (2) tiegħu, minflok il-kliem "tmien lira, wieħed u disgħin ċenteżmu u erba' milleżmi" għandhom jidħlu l-kliem "erbatax-il lira Maltija u ħamsin ċenteżmu"; u

(c) fil-paragrafu (3) tiegħu, minflok il-kliem "u f'ebda każ ma tkun iżjed minn tmien liri, wieħed u disgħin ċenteżmu u erba' milleżmi" li hemm fit-tarf tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "u f'ebda każ ma tkun iżjed minn erbatax-il lira Maltija u ħamsin ċenteżmu".

Jemenda l-artikolu 17 ta' l-Iskim.

4. L-artikolu 17 ta' l-Iskim. għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel sub-paragrafu tal-paragrafu (5) tiegħu, minflok il-kliem "tmien liri, sitta u ħamsin, ċenteżmu u erba' milleżmi" u l-kliem u "disa' liri, wieħed u tletin ċenteżmu u erba' milleżmi għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "erbatax-il lira Maltija u ħamsin ċenteżmu"; u

(b) fil-proviso ghall-paragrafu (5) tiegħu, minflok il-kliem "tmien liri, sitta u ħamsin ċenteżmu u erba' milleżmi", il-kliem "disa' liri, wieħed u tletin ċenteżmu u erba' milleżmi", u l-kliem "tmien liri, għoxrin ċenteżmu u milleżmi" għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "erbatax-il lira Maltija u ħamsin ċenteżmu".